



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Frar 2021
(OR. en)

5444/21

LIMITE

WTO 10
AGRI 21
UD 17
UK 19

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0003 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja
skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994
relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha
inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza
tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ L-approvazzjoni ta' (għadu mhux ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ġunju 2018 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għan-negozjati mar-Renju tat-Tajlandja għal ftehim relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
- (2) In-negozjati ġew konklużi, u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") ġie inizjalat fis-7 ta' Jannar 2021.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/...¹⁺, il-Ftehim ġie ffirmat fi ...⁺⁺.
- (4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/... ta'... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tat-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L ..).

⁺ ĠU: Jekk joġġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni fid-dokument ST 5443/21 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrespondenti.

⁺⁺ ĠU: Jekk joġġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim fid-dokument ST 5445/2021.

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja b'rabta man-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerç (GATT) tal-1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 4(1) tal-Ftehim².

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L

⁺ ĠU: Jekk joġġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għall-Ftehim fid-dokument ST 5445/2021.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi.....,

Għall-Kunsill

Il-President
